MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru 1056/2010

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Jonathan Calleja
Robert Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 279883(M) u 258085(M) rispettivament, akkuzati talli nhar is-17 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tas-6.45 a.m. gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' PS

1492 Joseph Pace, PS 1074 Luke Stivala, PC 1241 Christopher Farrugia, PC 233 Adrian Chetcuti, PC 80 Stephen Mercieca u PC 834 Johann Vella filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ hsara fuq vettura numru GVP 106 ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu(1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu jew ghamlu offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ PS 1492 Joseph Pace, PS 1074 Luke Stivala, PC 1241 Christopher Farrugia, PC 233 Adrian Chetcuti, PC 80 Stephen Mercieca u PC 834 Johann Vella;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi volontarji ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PS 1492 Joseph Pace, PS 1074 Luke Stivala, PC 1241 Christopher Farrugia, PC 233 Adrian Chetcuti, PC 80 Stephen Mercieca u PC 834 Johann Vella skond kif iccertifikaw Dr Attard Biancardi MD mill-isptar Mater Dei u Dr. V. Vella Catalano MD mill-poliklinika tal-Furjana;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-Istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija hawn fuq;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrifjutaw milli jghatu lill-pulizija id-dettalji taghhom.

Lil Jonathan Calleja wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Semghet lill-imputati f'din l-ewwel udjenza jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom hin jirrikonsidraw.

L-akkuzi jittrattaw kemm reati u kemm kontravenzjonijiet.

Ir-reati ppotizzati huma:
- l-attakk u rezistenza – Artikolu 96(a) Kap 9.
- l-ingurji jew theddid jew offizi fuq pulizija fil-kors tas-servizz taghhom – Artikolu 95 Kap 9.
- l-hsara volontarja – Artikolu 325(1)(b) Kap 9.

Dwar dawn ir-reati l-imputati rregistraw ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata, liema ammissjoni saret ukoll fir-rigward l-offizi kontravenzjonali.

Illi r-raba akkuza hija assorbita fit-tielet.

Stante l-ammissjoni tiddikjarahom hatja tal-akkuzi riportati kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 96(a), 95(2), 325(1)(b), 338(ee)(dd)(g) u 17 tal-Kap 9.

Tikkundannahom:
- lil Robert Azzopardi sena prigunerija sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 oltre €100 ammenda kumplessiva u tordnalu jhallas is-somma ta' €300 biex jaghmlu tajjeb ghall-hsara.
- lil Jonathan Calleja tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A oltre €100 ammenda komplessiva u tordnalu jhallas is-somma ta' €280 biex jaghmlu tajjeb ghall-hsara.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------